31 ta' Jannar, 1949.

**Imhallef :**

**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Emmanuele Sammut

**Provi — Xhieda — Kondotta ta' l-Imputat — Attentat Vjolent ghall-Pudur — Art. 634 (2) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ma hemm xejn li huwa kontra l-konvinzjoni ta' l-imputat fuq ix-xhieda ta' wiehed biss (salvi każijiet partikulari); basta li dak ix-xhud uniku jkun emmnut. Jekk ghandux ikun emmnut jew le hija kwistjoni ta' kredibilità.*

*Ghalkemm il-ġurisprudenza ammettiet eċċezzjonalment il-prova ta' fatti estranei ghall-ġudizzju biex tiġi lumeġġjata l-intenzjoni doluża ta' l-imputat, iżda dan il-prinċipju eċċezzjonali ma ghandux jiġi estiż aktar minn daqshekk; u ma ghandux ikun ritenut buti l-akkużat ghaliex preċedentement ikkommetta reat ta' l-istess xorta "sic et simpliciter". Hemm bżonn li jkun hemm xi haġa li tikkonnetti każ ma' iehor.*

*Prova simili ghandha tkun permessa biss meta jirrikorru fattezzi speċjali fil-mod li bih ġie kommess ir-reat, b'mod li dik il-prova sservi mhux biex turi li l-imputat huwa ta' kondotta hażina, imma biss li tidentifikah bil-mod kif ġie kommess ir-reat.*

*F'imputazzjoni ta' attentat vjolent ghall-pudur, l-ilment li taghmel il-vittma ta' dak l-attentat fl-ewwel opportunità wara l-fatt ghandha importanza bhala konferma tal-konsistenza tar-rapport tal-prosekutriċi. Il-varjanti li taghmel il-prosekutriċi fir-rakkont taghha f'okkażjonijiet ohra wara, ammenokkè dik il-varjanti ma tiġix raġjonevolment spjegata, tista' topera bhala ċirkustanza li tirrelieva d-depożizzjoni tad-denunzjanti.*

Bis-sentenza taghha tad-9 ta' Ottubru 1948, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imsemmi Sammut hati ta' attentat vjolent ghall-pudur fuq il-persuna ta' Emilia mart Giulio Grech, aggravat biċ-ċirkustanza ta' offiżi fuq il-persuna ta' importanza żghira, u kkundannat ghall-piena tal-priġunerija ghal żmien seba' xhur ;

L-imputat appella ;

Trattat l-appell................, ikkunsidrat ;

L-unika prova diretta tal-Prosekuzzjoni tikkonsisti fix-xhieda ta' l-imsemmija Emilia Grech. Il-versjoni taghha hija

fis-sens li l-imputat għamel attijiet li, jekk saru, jammontaw għar-reat li tiegħu sabitu ħati l-Ewwel Qorti. L-imputat għażel li jagħti x-xhieda tiegħu, ċaħad dak li qalet Grech, u l-verżjoni tiegħu hija li, minħabba rapporti ħżiena li kien hemm bejnu u l-familja tiegħu u Emilia Grech, din ħabtet għalih u saret kollutazzjoni bejniethom;

Ma hemm xejn li hu kontra konvinzjoni fuq xhieda ta' wieħed (salvi każijiet partikulari); basta li dana x-xhud uniku jkun emmnut (art. 634 (2) Kap. 12). Jekk għandux ikun emmnut jew le hi kwistjoni ta' kredibilità, li għaliha jgħoddu l-kriterji li ssemmi l-liġi fl-art. 633 idem;

Issa l-Imħallef sedenti għamel dawn ir-rifiessjonijiet li wassluh għall-konklużjoni li sejra tingħad aktar 'il quddiem, ċjoè:—

1. Bħala regola, ma tantx hu verosimili li bniedem li jrid jagħmel attijiet offensivi tal-pudur, partikolarment għad-dannu ta' mara renitenti, għażel post fl-abitat, publiku.......... Aktarx li min irid jagħmel hekk li jagħżel post, ħin, u ċirkustanzi aktar favorevoli;

2. Iċ-ċirkustanza allegata mix-xhud Caterina Cachia (tapparti li l-imputat ċaħadha), li xi tnax-il sena ilu l-imputat kien, waqt li din kienet sejra mill-għalqa tagħha f'San Pawl tat-Tarġa, għamlilha sinjal b'idu u qalilha "ejja daqsxejn 'l hawn", ma għandhiex wisq forza f'dan il-każ. Huwa veru illi l-ġurisprudenza ta' dina l-Qorti ammettiet, eċċezzjonalment, il-prova ta' fatti estranei għall-ġudizzju biex tiġi lumeġġjata l-intenzjoni dolożu ta' l-imputat (ara Rex vs. Paolo Borg, 27 ta' April 1914, u Rex vs. Giuseppe Vella, 15 ta' Settembru 1924 — sentenzi mogħtijin id-darbtejn mill-Qorti kolleġjalment kostitwita, l-ewwel darba Aġent President l-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino, u t-tieni darba President il-Prim Imħallef Sir Arturo Mercieca). Iżda dan il-prinċipju eċċezzjonali ma għandux jiġi estiż aktar minn daqshekk; u ċertament kien ikun ħaġa perikoluża li l-akkużat jiġi ritenut ħati għaliex preċedentement għamel reat ta' l-istess xorta, "sic et simpliciter". Hemm bżonn li jkun hemm xi ħaġa li tikkonnetti każ ma' l-ieħor. It-teżi vera ġiet esposta fil-"Journal of Criminal Science', Vol. I paġ. 143, publikat taħt

l-awspiċji tad-"Department of Criminal Science" ta' l-Università ta' Cambridge, b'dawn il-kliem :—

"It is not generally permissible, in order to prove that the prisoner is guilty of a particular offence, to show that he has been convicted or has committed offences of a similar nature, though such evidence may be admitted to negative a defence of accident or want of intent, or where it is necessary to prove a system of conduct. It would certainly be unfair to invite a jury to convict on a charge of burglary because the prisoner could be proved to have been a burglar; and the general principle that the prosecution may not call evidence to show that the person is likely to commit a particular kind of offence is necessary as a safeguard against a conviction on insufficient evidence. If, however, there are peculiar features in the manner in which the offence was committed, a sort of individual technique, evidence that the prisoner has committed similar offences in the same way might, it is suggested, be properly admitted, not as showing the prisoner to be a man of bad character, but as identifying him by his handiwork";

U l-Harris (Wilshere Edition, 1933 edition, page 424), jgħid :— "In order to make evidence of this class admissible, there must accordingly be, either in proximity of time or method or circumstances, some 'nexus' or connexion between the act charged and the facts relating to previous or subsequent transactions which it is sought to give in evidence; otherwise no inference can be safely deduced therefrom";

Issa, f'dan il-każ ma jidherx li hemm in-'nexus'. Prossimità ta' żmien ċert li ma hemmx. Veru li, f'każ wieħed u l-ieħor, gie allegat li l-imputat għamel sinjal, imma fil-każ preżenti l-fatti allegati huma wisq aktar diversi u inoltrati, biex wieħed jista' raġjonevolment jgħid li hemm xi "nexus" u biex dina l-prova, eċċezzjonalment ammessa, tista' sservi ta' korroborazzjoni bħala prova ta' "system of conduct";

3. Lanqas iċ-ċirkustanza, kieku stess ritenuta pruvata, li l-imputat f'okkażjonijiet preċedenti, indirizza lil Emilia Grech kliem ta' xorta tali..................;

4. Jibqa', għalhekk, sostanzjalment, li l-gudikant jara jekk ix-xhieda ta' Emilia Grech wehedha hix kredibili. Jekk

hi, allura l-konvinzjoni tista' tkun bażata fuqha. Hemm dawn ir-riflessjonijiet xi jsiru dwarha :—

(a) Partikolarment f'imputazzjonijiet ta' offiżi kontra l-egħmil xieraq l-ilment ("complaint") li jsir fl-ewwel opportunità wara l-fatt għandu importanza bħala konferma tal-konsistenza tar-rakkont tal-prosekutriċi. L-awtur fuq imsemmi, Harris, op. ċit. pp. 430-431, igħid illi "on charges of sexual offences the terms of a complaint are admissible", basta, ikompli jgħid, li sair "at the first opportunity after the offence which reasonably presents itself"; u allura, f'każ simili, it-termini li fihom ikun sar l-ilment ikunu importanti "not to prove the facts complained of, but, after proof of such facts, it is relevant in corroboration of the story of the prosecutrix and as evidence of the consistency of her conduct". Issa jidher loġiku li wieħed igħid li, meta l-każ ikun kuntrarju, ċjoè meta d-denunzjanti tkun, wara l-fatt u fl-ewwel okkażjonijiet li kellha, qalet ħaġa diversa minn dawk li tkun iddikjarat wara, allura dina l-varjanti, ammenokkè ma tiġix raġjonevolment spjegata, tista' topera bħala ċirkustanza li tivvulnera x-xhieda tad-denunzjanti ;

Hu għalhekk opportun li wieħed jara f'dan il-każ x'inhu l-eżitu meta x-xhieda tad-denunzjanti tiġi assoġġettata għal dan it-test. Il-versjoni li Emilia Grech tat fil-Qorti hija din.............. Issa fl-ewwel okkażjonijiet li kellha wara l-fatt hi tat dawn il-versjonijiet : lil ohtha................. Emilia Grech qalet..............; lis-Surġent Galea, li rċieva r-rapport, qalet.................. Aktar tard żiedet mal-versjoni tagħha, u qalet.............. Il-Kuntistabbli Briffa jgħti l-istess versjoni tar-rakkont li għamlet Emilia Gecrh lis-Surġent Galea, u kompla jgħid li meta s-Surġent Galea staqsiha jekk l-imputat kienx għamel xi ħaġa mhux xierqa, hi qaltlu "le, dak li hu tiegħu tiegħu"..............;

(b) Hemm imbagħad ċirkustanza inverosimili għal kollox fil-versjoni ta' Emilia Grech, u dippiù ċirkustanza li għall-finijiet tar-rakkont tagħha Emilia Grech kellha bilfors tissuppliha. Hi qalet li l-imputat.............. L-inverosimiljanza tispiċċa, u kollox isir spjegabili, jekk wieħed jaċċetta l-versjoni ta' l-imputat li kienet hi li marret għal warajh u ħabtet għalih fl-isqaq ;

5. Ix-xhud Vincenzo Sciberras, li joqgħod fejn sar l-inċident, qal li ħiit qabel ma sama' l-għajjat.............., sama' ħoss ta' flixkun; u skond l-imputat Emilia Grech kelha flixkun f'idha li tagħtu bih u laqtitu fuq spalltu u reġgħet ġabret u ħadet lura magħha;

*Omissis;*

Ċert hu illi l-varjanti tar-rakkont ta' Emilia Grech f'ċirkustanzi meta dak ir-rakkont kien imissu kien sew mill-ewwel kieku l-fatt issa minnha allegat kien veru, il-kontradizzjonijiet fuq rimarkati, l-inverosimiljanza li hi ġiet traxxinata mill-imputat, u l-fatturi l-oħra, li donnhom jagħtu konsistenza lill-versjoni kuntrarja ta' l-imputat, joħolqu almenu dubju serju u gravi, li bih il-ġudikant ma jistax jasal biex igħid li l-imputazzjoni hija sostnuta;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.